# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

16 ta' Ottubru 2008 *

Fil-Kawża C-313/07,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Juzgado de lo Mercantil n. 3 de Barcelona (Spanja), permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Ġunju 2007, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Lulju 2007, fil-kawża

**Kirtruna SL,**

**Elisa Vigano**

vs

**Red Elite de Electrodomésticos SA,**

**Cristina Delgado Fernández de Heredia,**

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

**Sergio Sabini Celio,**

**Miguel Oliván Bascones,** bħala stralċjarji ta' Red Elite de Electrodomésticos SA,

**Electro Calvet SA,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Awla, T. von Danwitz, R. Silva de Lapuerta, E. Juhász u J. Malenovský (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: R. Grass,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Kirtruna SL, minn J. O. Miret Corretgé, abogado,

— għal E. Vigano, minn M. Morales Sabalete, abogado, u C. Garcia Girbés, procuradora,

— għal Red Elite de Electrodomésticos SA, minn A. Carreño León, abogado, u M. Pradera Rivero, procuradora,

— għat-Tesorería General de la Seguridad Social, minn M. Alcaraz Garcia de la Barrera, bħala aġent,

— għall-Gvern Spanjol, minn M. Muñoz Pérez, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn J. Enegren u R. Vidal Puig, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li l-kawża tiġi deċiża mingħajr ma jsiru konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU L 82, p. 16).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri ta' żgumbrament minn fondi kummerċjali li jinsabu f'Sitges, viċin Barċellona, li tressqu mill-kumpannija Kirtruna SL (iktar 'il quddiem "Kirtruna") u minn E. Vigano, proprjetarji u kerrejja ta' dawn il-fondi, kontra Red Elite de Electrodomésticos SA (iktar 'il quddiem "Red Elite de Electrodomésticos"), l-istralċjarji tagħha, u Electro Calvet SA (iktar 'il quddiem "Electro Calvet").

## Il-kuntest ġuridiku

### *Il-leġiżlazzjoni Komunitarja*

3 It-tielet premessa tad-Direttiva 2001/23 tipprovdi li "[h]uwa neċessarju li jiġi pprovdut għall-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ li jinbidel min jimpjega, b'mod partikulari, sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tagħhom ikunu salvagwardjati".

4 Skont l-Artikolu 1(1)(a) ta' din id-direttiva:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għal kull trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju lil persuna oħra li timpjega bħala riżultat ta' trasferiment jew inkorporazzjoni legali".

5 L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/23 jipprovdi:

"1. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

(a) 'min jagħmel it-trasferiment' għandu jfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li, għar-raġuni ta' trasferiment fis-sens ta' l-Artikolu 1(1), ma tibqax il-persuna li timpjega għar-rigward ta' l-impriża, in-negozju jew il-parti ta' impriża jew negozju;

(b) 'min lilu jsir trasferiment' għandu jfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li, għal raġuni ta' trasferiment fis-sens ta' l-Artikolu 1(1), isir dak li jimpjega f'dak li jirrigwarda l-impriża, n-negozju jew parti ta' impriża jew negozju;

[…]

2. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni ta' kuntratt ta' mpjieg jew relazzjoni ta' mpjieg.

[…]"

6 L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. Id-drittijiet u l-obbligi ta' min jagħmel it-trasferiment ikkawżati minn kuntratt ta' mpjieg jew minn relazzjoni ta' mpjieg eżistenti fid-data tat-trasferiment għandhom, minħabba dan it-trasferiment, jiġu trasferiti lil min lilu jsir it-trasferiment.

[…]"

7 Skont l-Artikolu 4(1) tal-imsemmija direttiva:

"It-trasferiment ta' l-impriża, n-negozju jew xi parti mill-impriza jew negozju m'għandux fih innifsu jikkostitwixixi bażi għal tkeċċija minn min jagħmel it-trasferiment jew minn min lilu jsir it-trasferiment. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tkun ta' xkiel għal tkeċċijiet li jistgħu iseħħu għal raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew ta' l-organizzazzjoni li jinvolvu bidliet fin-nies li jkunu jaħdmu".

8 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/23 jipprovdi:

"1. Sakemm l-Istati Membri ma jipprovdux xort'oħra, l-Artikoli 3 u 4 m'għandhomx japplikaw għal kull trasferiment ta' impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju meta min ikun qed jagħmel it-trasferiment huwa s-suġġett ta' proċedimenti ta' falliment jew ta' xi proċedimenti analogi ta' falliment li kienu istitwiti bl-iskop tal-likwidazzjoni ta' l-assi ta' min qed jagħmel it-trasferiment u huma taħt is-superviżjoni ta' awtorità pubblika kompetenti (li tista' tkun prattikant tal-falliment awtorizzat minn awtorità pubblika kompetenti).

2. Meta l-Artikoli 3 u 4 japplikaw għal trasferiment waqt proċedimenti ta' falliment li nfetħu għar-rigward ta' min jagħmel it-trasferiment (kemm jekk dawk il-proċedimenti jkunu nbdew bl-iskop tal-likwidazzjoni ta' l-assi ta' min ikun qed jagħmel it-trasferiment kemm jekk le) u sakemm dawn il-proċedimenti jkunu taħt is-superviżjoni ta' awtorità pubblika kompetenti (li tista' tkun prattikant tal-falliment determinat mil-liġi nazzjonali) Stat Membru jista' jipprovdi li:

(a) minkejja l-Artikolu 3(1), id-djun ta' min ikun qed jagħmel it-trasferiment ikkawżati minn xi kuntratti ta' mpjieg jew relazzjonijiet ta' impjieg u pagabbli qabel it-trasferiment jew qabel il-ftuħ tal-proċedimenti tal-falliment m'għandhomx jiġu trasferiti lil min lilu jsir it-trasferiment, sakemm dawn il-proċedimenti jikkawżaw, taħt il-liġi ta' dak l-Istat Membru, protezzjoni għall-inqas ekwivalenti għal dik prevista f'sitwazzjonijiet koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE tal-20 ta' Ottubru 1980 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri konnessi mal-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-falliment ta' min jimpjegahom [ĠU L 283, p. 23]

[...]"

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

9 Is-suċċessjoni ta' impriżi hija rregolata bid-Digriet Irjali Leġiżlattiv 1/1995, tal-24 ta' Marzu 1995, dwar l-approvazzjoni tat-test ikkonsolidat tal-Liġi li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema (Estatuto de los Trabajadores, BOE Nru 75, tad-29 ta' Marzu 1995, p. 9654), fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mil-Liġi 12/2001 tad-9 ta' Lulju 2001 (BOE Nru 164, tal-10 ta' Lulju 2001, p. 24890, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema").

10 L-Artikolu 44(1) tal-Liġi dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema jipprovdi:

"It-trasferiment ta' impriża, ta' ċentru tax-xogħol jew ta' unità ta' produzzjoni awtonoma ta' din l-impriża ma jtemmx, fih innifsu, ir-relazzjoni ta' impjieg; il-persuna ġdida li tħaddem tiġi ssurrogata fid-drittijiet u fl-obbligi tal-persuna li tħaddem preċedenti rigward il-kuntratt ta' impjieg u s-sigurtà soċjali, inklużi l-obbligi rigward il-pensjonijiet, taħt il-kundizzjonijiet previsti fil-leġiżlazzjoni speċifika applikabbli u, b'mod ġenerali, fl-obbligi kollha addizzjonali fil-qasam tal-protezzjoni soċjali li jkun daħal għalihom min jagħmel it-trasferiment".

11 Madankollu, skont l-Artikolu 57a tal-Liġi dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema, fil-każ ta' proċeduri ta' falliment, il-kundizzjonijiet speċifiċi previsti fil-Liġi 22/2003, tad-9 ta' Lulju 2003, dwar il-falliment (Ley Concursal, BOE Nru 164, tal-10 ta' Lulju 2003, p. 26905, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-falliment") japplikaw fil-każ ta' modifika, sospensjoni u tmiem kollettiv tal-kuntratti ta' impjieg u ta' trasferiment ta' impriżi.

12 Il-Liġi dwar il-falliment tipprevedi żewġ riżultati possibbli għal proċedura ta' falliment, jiġifieri ftehim jew likwidazzjoni. Fil-każi ta' likwidazzjoni, japplikaw l-Artikoli 148 u 149 ta' din il-liġi, li jipprovdu għal sistema ġuridika differenti skont jekk pjan ta' likwidazzjoni jkunx tħejja u ġie approvat jew le.

13 Skont l-Artikolu 149 ta' din il-liġi:

"1. Meta l-ebda pjan ta' likwidazzjoni ma jkun ġie approvat jew, jekk ikun il-każ, għall-aspetti mhux previsti minn tali pjan, l-operazzjonijiet ta' likwidazzjoni għandhom isegwu r-regoli li ġejjin:

(a) L-istabbilimenti, azjendi u unitajiet oħra ta' produzzjoni ta' oġġetti jew ta' servizzi kollha flimkien li jappartjenu lid-debitur għandhom jiġu trasferiti bħala ħaġa waħda, ħlief jekk l-imħallef jikkunsidra, wara r-rapport tal-istralċjarju, li l-interessi tal-massa tal-kredituri jiġu sodisfatti aħjar jekk qabel issir diviżjoni jew jekk isir it-trasferiment iżolat tal-elementi kollha jew ta' parti minnhom. [...]

2. Mill-perspettiva tal-impjieg, ikun hemm suċċessjoni ta' impriża meta t-trasferiment previst fil-paragrafu 1(a) jwassal sabiex tinżamm l-identità ta' entità ekonomika, meħuda bħala grupp ta' mezzi organizzati bl-għan li titwettaq attività ekonomika essenzjali jew aċċessorja. F'dan il-każ, il-qorti tista' tiddeċiedi li l-akkwirent ma jiġix issurrogat fl-obbligu li jħallas il-pagi jew l-allowances li ma jkunux tħallsu qabel it-trasferiment u li jkunu ġew koperti mill-Fondo de garantía salarial (Fond ta' garanzija tal-pagi) skont l-Artikolu 33 tal-Liġi dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema. [...]"

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

14 Red Elite de Electrodomésticos hija impriża kummerċjali li l-attività prinċipali tagħha hija l-bejgħ ta' elettrodomestiċi. Qabel il-kawża prinċipali, kellha aktar minn 40 ħanut u kienet timpjega aktar minn 400 persuna.

15 Fl-2005, Red Elite de Electrodomésticos ressqet talba volontarja għal falliment quddiem il-Juzgado de lo Mercantil n. 3 de Barcelona. Għalkemm ġew ipprospettati diversi pjanijiet sabiex jirrendu l-impriża vijabbli u ġew proposti ftehim lill-kredituri, dawn tal-aħħar irrifjutawhom.

16 Għalhekk, infetħet il-fażi tal-likwidazzjoni b'deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2006.

17 Fl-istess ħin, meta nfetħet il-fażi tal-likwidazzjoni, ġie deċiż, b'digriet tat-12 ta' Ġunju 2006, li parti mill-ħwienet u stabbilimenti oħra ta' Red Elite de Electrodomésticos tiġi attribwita direttament lil Electro Calvet, li ġiet issurrogata fil-kuntratti ta' 127 impjegat u 27 stabbiliment, billi obbligat ruħha li żżomm il-kuntratt ta' impjieg tagħhom. Id-digriet kien jispeċifika, b'mod partikolari, li l-likwidazzjoni kienet tirrigwarda biss it-trasferiment tal-assi tal-kumpannija likwidata, filwaqt li din tkompli tkun responsabbli għall-passiv tagħha ta' kull tip u li l-uniċi obbligi legalment imputabbli lil Electro Calvet kienu dawk li kienu jirriżultaw mit-trasferiment ta' kuntratti ta' impjieg previsti fl-Artikolu 149 tal-Liġi dwar il-falliment. Fl-aħħar nett, skont dan id-digriet, l-attribuzzjoni tal-parti attiva mill-kumpannija kienet suġġetta għall-osservanza simultanja tal-eventwali drittijiet ta' sidien il-kera tal-fondi kkonċernati flimkien mad-drittijiet mogħtija permezz ta' din id-deċiżjoni lil Electro Calvet u lil terzi f'dak li jirrigwarda l-attività kummerċjali.

18 Kirtruna u E. Vigano huma proprjetarji tal-fondi kummerċjali li jinsabu f'Sitges, viċin Barċellona, u li huma mikrija lil Red Elite de Electrodomésticos, li kienet tużahom bħala sede ta' wieħed mill-ħwienet tagħha. Dan il-ħanut huwa parti mill-unità ta' produzzjoni trasferita lil Electro Calvet permezz tad-digriet fuq imsemmi tat-12 ta' Ġunju 2006, u din il-kumpannija għalhekk ħadet f'idejha l-fondi ta' dan il-ħanut.

19 Wara li ngħata dan id-digriet, Kirtruna u E. Vigano ressqu talba għal żgumbrament quddiem il-qorti tar-rinviju minħabba trasferiment tal-kera mhux awtorizzat kontra Red Elite de Electrodomésticos, l-istralċjarji tagħha u Electro Calvet. Huma jsostnu li, skont il-kuntratt tal-kera, huma għandhom jagħtu l-awtorizzazzjoni tagħhom għat-trasferiment tal-kera u li l-ebda dispożizzjoni legali ma tobbligahom jaċċettaw it-trasferiment tal-kera lil Electro Calvet.

20 L-Artikolu 32 tal-Liġi 29/1994, tal-24 ta' Novembru 1994, dwar il-kirjiet f'żona urbana (Ley de Arrendamientos Urbanos, BOE Nru 282, tal-25 ta' Novembru 1994, p. 36129) tabilħaqq jistabbilixxi bħala regola ġenerali li l-kerrej jista' jittrasferixxi l-kuntratt tal-kera ta' fond kummerċjali mingħajr ma tkun neċessarja l-awtorizzazzjoni ta' sid il-kera. Madankollu, l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni hija espressament eskluża għall-kuntratti tal-kera inkwistjoni li jistipulaw li kull trasferiment tal-kuntratt għandu jsir bil-kunsens ta' sid il-kera u li, f'każ kuntrarju, dan ikollu l-possibbiltà li jitlob it-terminazzjoni tiegħu.

21 Il-qorti tar-rinviju kkunsidrat li, jekk tintlaqa' din it-talba għal żgumbrament, Electro Calvet ikollha titlaq il-fondi u għalhekk ittemm l-attivitajiet tagħha, ħaġa li tista' twassal għat-terminazzjoni tal-kuntratti ta' impjieg għad-detriment tal-ħaddiema tal-ħanut ikkonċernat.

22 F'dan ir-rigward, hija tistaqsi dwar l-effett tad-Direttiva 2001/23 fuq it-trasferiment ta' assi bejn Red Elite de Electrodomésticos u Electro Calvet.

23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Juzgado de lo Mercantil nº 3 de Barcelona ddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel is-segwenti domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Il-garanzija għall-akkwirent ta' impriża f'sitwazzjoni ta' insolvenza, jew ta' unità ta' produzzjoni ta' din l-impriża, li ma jassumix id-djun li jirriżultaw minn kuntratti jew minn relazzjonijiet ta' impjieg meta l-proċeduri ta' falliment iwasslu għal protezzjoni għall-inqas ekwivalenti għal dik prevista fid-Direttivi Komunitarji, tapplika unikament u esklużivament għall-obbligi marbuta direttament mal-kuntratti jew mar-relazzjonijiet ta' impjieg jew inkella, fil-kuntest ta' protezzjoni sħiħa tad-drittijiet tal-ħaddiema u taż-żamma tal-impjieg, din il-garanzija għandha tapplika wkoll għal kuntratti oħra li, mingħajr ma jkunu kuntratti ta' impjieg f'sens strett, xorta jaffettwaw il-postijiet li fihom tkun eżerċitata l-attività tal-impriża jew ċerti mezzi jew strumenti ta' produzzjoni indispensabbli sabiex titwettaq din l-attività?

2) Dejjem fil-kuntest tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema, il-qorti li quddiemha jinbdew il-proċeduri ta' falliment u li tkun responsabbli sabiex tiddeċiedi dwar dan tista' tagħti din il-garanzija lill-akkwirent ta' unità ta' produzzjoni mhux biss fir-rigward tad-drittijiet li jirriżultaw mill-kuntratti ta' impjieg, iżda wkoll fir-rigward ta' kuntratti jew obbligi oħra tad-debitur insolventi li huma indispensabbli sabiex titkompla l-attività?

3) Imprenditur li jakkwista impriża f'sitwazzjoni ta' insolvenza, jew unità ta' produzzjoni ta' din l-impriża, filwaqt li jimpenja ruħu li jonera l-kuntratti ta' impjieg kollha jew parti minnhom u filwaqt li jassumi l-obbligi li jirriżultaw minn dawn tal-aħħar, ikollu l-garanzija li ma jistgħux jiġu invokati fil-konfront tiegħu u li

ma jiġux ittrasferiti fuqu obbligi oħra ta' min ittrasferixxa marbuta mal-kuntratti jew mar-relazzjonijiet li fihom huwa ġie ssurrogat, b'mod partikolari djun ta' taxxa jew ta' sigurtà soċjali jew drittijiet li jistgħu jeżerċitaw dawk li għandhom drittijiet u obbligi li jirriżultaw minn kuntratti konklużi mad-debitur insolventi u ttrasferiti lill-akkwirent globalment jew ma' l-unità ta' produzzjoni?

4) B'mod definittiv, f'dak li jikkonċerna t-trasferiment ta' unitajiet ta' produzzjoni jew ta' impriżi ddikjarati ġuridikament jew amministrattivament insolventi u li jkunu jinsabu fi proċeduri ta' falliment, id-Direttiva 2001/23 tista' tiġi interpretata bħala li tipproteġi mhux biss il-kuntratti ta' impjieg, iżda wkoll kuntratti oħra li jaffettwaw direttament u b'mod immedjat iż-żamma ta' dawn il-kuntratti?

5) Fl-aħħar nett, peress li jirreferi għas-suċċessjoni ta' impriża, l-Artikolu 149(2) tal-Liġi dwar il-falliment jikkontradixxi l-Artikolu 5(2)(a) tad-Direttiva 2001/23 safejn is-surroga ddaħħal lil min isir it-trasferiment fl-obbligi li l-kuntratt ta' impjieg ipoġġi direttament jew indirettament fuq id-debitur insolventi, b'mod partikolari d-djun ta' sigurtà soċjali li dan tal-aħħar jista' jkun għad għandu?"

**Fuq l-ammissibbiltà**

24 Fl-osservazzjonijiet tagħhom, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u E. Vigano esprimew id-dubji tagħhom dwar l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari li, skonthom, huma inutli għall-eżitu tal-kawża prinċipali.

25 F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 234 KE hija strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi lill-qrati nazzjonali l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju li huma għandhom bżonn sabiex jirriżolvu l-kawża li huma mitluba jiddeċiedu (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Lulju 1992, Meilicke, C-83/91, Ġabra p. I-4871, punt 22, u tal-5 ta' Frar 2004, Schneider, C-380/01, Ġabra p. I-1389, punt 20).

26 Fil-kuntest ta' din il-kooperazzjoni, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha tkun tressqet il-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, li għandha tevalwa, fid-dawl tal-karatteristiċi tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, sakemm id-domandi magħmula jittrattaw dwar l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju, il-Qorti tal-Ġustizzja hija obbligata, bħala regola, tiddeċiedi dwarhom (sentenza Schneider, iċċitata iktar 'il fuq, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Minn dan isegwi li d-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali li hija responsabbli sabiex tiddefinixxi, u li mhuwiex id-dmir tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tagħhom, igawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Huwa possibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja li tirrifjuta li tiddeċiedi fuq domanda magħmula minn qorti nazzjonali biss meta jidher manifestament li l-interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju mitluba ma għandhiex x'taqsam mal-fatti jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema hija ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-elementi ta' fatt u ta' dritt neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Diċembru 2006, Cipolla *et*, C-94/04 u C-202/04, Ġabra p. I-11421, punt 25, u tas-7 ta' Ġunju 2007, van der Weerd *et*, C-222/05 sa C-225/05, Ġabra p. I-4233, punt 22).

28 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni poġġiet f'dubju l-ammissibbiltà tal-ħames domanda minħabba n-natura ipotetika tagħha. Minħabba li l-kawża prinċipali ma tirrigwardax l-obbligi ta' min lilu jsir it-trasferiment li huma marbutin direttament jew indirettament mal-kuntratti ta' impjieg, mhuwiex rilevanti għal din il-kawża li l-Qorti tal-Ġustizzja

tiġi mistoqsija jekk l-Artikolu 5(2)(a) tad-Direttiva 2001/23 jipprekludix dispożizzjoni bħall-Artikolu 149(2) tal-Liġi dwar il-falliment, li tipprovdi għat-trasferiment ta' tali obbligi lil min lilu jsir it-trasferiment.

29 Dan il-motiv ta' inammissibbiltà jikkonċerna wkoll it-tielet domanda. Fil-fatt, permezz tat-tielet u tal-ħames domandi, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5(2)(a) tad-Direttiva 2001/23 għandux jiġi interpretat fis-sens li, meta imprenditur jakkwista impriża f'sitwazzjoni ta' insolvenza filwaqt li jimpenja ruħu li jonora l-kuntratti ta' impjieg tal-impjegati kkonċernati u filwaqt li jassumi l-obbligi li jirriżultaw minn dawn il-kuntratti, din id-dispożizzjoni teżiġi li ma jsirx responsabbli għal obbligi oħrajn ta' min jagħmel it-trasferiment marbuta ma' dawn il-kuntratti, b'mod partikolari djun ta' taxxa jew ta' sigurtà soċjali.

30 Għandu jiġi rrilevat li l-kawża prinċipali għandha bħala suġġett talbiet għal żgumbrament ta' kerrej minn fondi kummerċjali. Min-naħa l-oħra, xejn fil-proċess ma jippermetti li jingħad li l-qorti tar-rinviju għandha quddiemha kawża dwar l-eżistenza jew il-portata tas-surroga fl-obbligi li jikkonċernaw il-kuntratti ta' impjieg, bħal djun mal-awtoritajiet tat-taxxa jew tas-sigurtà soċjali.

31 Minħabba li t-tielet u l-ħames domandi ma jirrigwardawx ir-relazzjoni ġuridika bejn sidien il-kera u kerrejja ta' fondi kummerċjali imma jirrigwardaw l-eventwali trasferiment tal-imsemmija obbligi marbuta mal-kuntratti ta' impjieg, dawn id-domandi huma manifestament irrilevanti sabiex tiġi riżolta l-kawża prinċipali.

32 Minn dan isegwi li t-tielet u l-ħames domandi huma ipotetiċi u li, konsegwentement, mhumiex ammissibbli.

33 Fit-tieni lok, E. Vigano issostni li d-domandi preliminari huma inammissibbli minħabba li l-qorti tar-rinviju ma stabbilixxietx korrettament il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali. Barra minn hekk, mhumiex rilevanti għal din il-kawża minħabba li d-Direttiva 2001/23 mhijiex applikabbli f'dan il-każ u għaldaqstant ma tikkostitwixxix il-bażi neċessarja sabiex tiġi riżolta din il-kawża. L-imsemmija kawża għandha tiġi deċiża esklużivament fuq il-bażi tad-dritt Spanjol.

34 F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-ġurisprudenza li l-preżunzjoni ta' rilevanza ma tistax tiġi kkonfutata bis-sempliċi fatt li waħda mill-partijiet fil-kawża prinċipali tikkontesta ċerti fatti, li mhuwiex id-dmir tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tagħhom u li minnhom tiddependi d-definizzjoni tas-suġġett tal-kawża (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Cipolla *et*, punt 26, u van der Weerd *et*, punt 23).

35 Kuntrarjament għal dak li ssostni E. Vigano, it-talba għal deċiżjoni preliminari ma tistax għalhekk tiġi kkunsidrata inammissibbli għas-sempliċi raġuni li l-qorti bbażat ruħha fuq fatti allegatament żbaljati.

36 It-tieni motiv ta' inammissibbiltà invokat minn E. Vigano għandu wkoll jiġi miċħud. Kif jirriżulta mit-tielet premessa u mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/23, din tal-aħħar tfittex li tipproteġi lill-impjegati fil-każ li jinbidel min jimpjega, b'mod partikolari, sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tagħhom ikunu salvagwardjati. Il-kawża prinċipali tirrigwarda preċiżament trasferiment ta' impriża bejn żewġ persuni ġuridiċi, liema trasferiment jista' jippreġudika s-sitwazzjoni tal-impjegati tagħhom.

37 Fil-fatt, jekk Electro Calvet tkun obbligata toħroġ mill-fondi inkwistjoni fil-kawża prinċipali wara t-trasferiment tal-entità ekonimika ta' Red Elite de Electrodomésticos, hija tista' tkun kostretta twaqqaf l-attivitajiet ta' din l-entità, ħaġa li tista' twassal għat-

terminazzjoni tal-kuntratti ta' impjieg għad-detriment tal-impjegati kkonċernati. Fid-dawl tal-għan tad-Direttiva 2001/23, ma jidhirx b'mod manifest li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

38 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma minn E. Vigano u bbażata fuq l-inapplikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/23 fil-kawża prinċipali ma tistax tintlaqa'.

**Fuq l-ewwel, it-tieni u r-raba' domandi**

39 Permezz ta' dawn id-domandi, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23 jirrikjedix, f'każ ta' trasferiment ta' impriża, iż-żamma tal-kuntratt tal-kera ta' fond kummerjċali konkluż minn min jagħmel it-trasferiment tal-impriża ma' terz meta t-terminazzjoni tal-imsemmi kuntratt jista' jwassal għat-terminazzjoni tal-kuntratti ta' impjieg trasferiti lil min lilu jsir it-trasferiment.

40 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li, minkejja d-deroga prevista fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2001/23, l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva jirregola sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Jirriżulta fil-fatt mil-leġiżlazzjoni nazzjonali li r-regoli li jittrasponu din id-dispożizzjoni japplikaw, bħala regola, għat-trasferiment ta' impriża meta min jagħmel it-trasferiment ikun is-suġġett ta' proċeduri ta' falliment bħal dik li fiha hija involuta Red Elite de Electrodomésticos.

41 Il-kliem tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23, iċċitat fil-punt 6 ta' din is-sentenza, jipprovdi f'termini ċari li huma d-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw għal min jagħmel it-trasferiment minn "kuntratt ta' mpjieg jew minn relazzjoni ta' mpjieg" li jiġu ttrasferiti lil min lilu jsir it-trasferiment. Issa kif jirriżulta mill-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva, kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg jimplikaw, skont l-imsemmija direttiva, relazzjoni ġuridika bejn min jimpjega u l-impjegati, li għandha bħala suġġett ir-regolamentazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' impjieg. Il-kuntratt tal-kera evidentement m'għandux tali natura minħabba li jistabbilixxi relazzjoni ġuridika bejn sid il-kera u kerrej, li għandha bħala suġġett ir-regolamentazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-kera.

42 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23 ma jirrikjedix, fil-każ ta' trasferiment ta' impriża, iż-żamma tal-kuntratt tal-kera ta' fond kummerċjali konkluż minn min jagħmel it-trasferiment tal-impriża ma' terz.

43 Ċertament, kif intqal fil-punt 36 ta' din is-sentenza, id-Direttiva 2001/23 tfittex li tipproteġi lill-impjegati fil-każ li jinbidel min jimpjega, b'mod partikolari, sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tagħhom ikunu salvagwardjati. Issa r-relazzjonijiet ta' impjieg tagħhom jistgħu jkunu mhedda f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali. Fin-nuqqas ta' trasferiment awtomatiku tal-kuntratt tal-kera, jeżisti fil-fatt riskju li min lilu jsir it-trasferiment tal-impriża jkun obbligat joħroġ mill-fondi, iwaqqaf l-attivitajiet tiegħu u għalhekk jittermina l-kuntratti ta' impjieg tal-impjegati kkonċernati.

44 Madankollu, il-bżonn li jintlaħaq dan l-għan ta' protezzjoni tal-impjegati ma jistax jasal sal-punt li jpoġġi fid-dubju l-kliem univoku tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23 u jippreġudika d-drittijiet ta' terzi li huma estranji għall-operazzjoni tat-trasferiment tal-impriża, billi jimponilhom obbligu li jaċċettaw trasferiment awtomatiku ta' kuntratt tal-kera li mhuwiex previst b'mod ċar f'din id-direttiva.

45 Barra minn hekk, din il-konklużjoni hija kkonfermata mill-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/23. Din id-dispożizzjoni tipprovdi li t-trasferiment ta' impriża m'għandux fih innifsu jikkostitwixxi bażi għal tkeċċija minn min jagħmel it-trasferiment jew minn min lilu jsir it-trasferiment, imma li hija m'għandhiex tkun ta' xkiel għal tkeċċijiet li jistgħu jseħħu għal raġunijet ekonomiċi, tekniċi jew tal-organizzazzjoni li jinvolvu bidliet finnies li jkunu jaħdmu.

46 F'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, l-eventwali terminazzjoni tal-kuntratti ta' impjieg ma tkunx dovuta biss għat-trasferiment tal-impriża. Hija tkun ikkawżata minn ċirkustanzi addizzjonali bħan-nuqqas ta' ftehim bejn min lilu jsir it-trasferiment u sidien il-kera fuq kuntratt tal-kera ġdid, l-impossibbiltà li jinstab fond kummerjċali ieħor jew l-impossibbiltà li l-persunal jiġi ttrasferit fi ħwienet oħrajn. Dawn iċċirkustanzi jistgħu jiġu kklassifikati bħala raġunijiet ekonomiċi, tekniċi jew tal-organizzazzjoni fis-sens tal-imsemmi Artikolu 4(1).

47 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel, għat-tieni u għarraba' domandi għandha tkun li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/23 ma jirrikjedix, filkaż ta' trasferiment ta' impriża, iż-żamma tal-kuntratt tal-kera ta' fond kummerċjali konkluż minn min jagħmel it-trasferiment tal-impriża ma' terz minkejja li t-terminazzjoni tal-imsemmi kuntratt tista' twassal għat-terminazzjoni tal-kuntratti ta' impjieg ittrasferiti lil min lilu jsir it-trasferiment.

**Fuq l-ispejjeż**

48 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq

l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, ma jirrikjedix, fil-każ ta' trasferiment ta' impriża, iż-żamma tal-kuntratt tal-kera ta' fond kummerċjali konkluż minn min jagħmel it-trasferiment tal-impriża ma' terz minkejja li t-terminazzjoni tal-imsemmi kuntratt tista' twassal għat-terminazzjoni tal-kuntratti ta' impjieg ittrasferiti lil min lilu jsir it-trasferiment.**

Firem